# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 183/2013**

Il-Pulizija

(Spettur Mario Tonna)

vs

**Joan Mizzi**

bint John, imwieleda Tarxien, fit-28 ta' Marzu, 1958, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 267858(M)

Illum, 9 ta' Ottubru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanta Joan Mizzi quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli talli fil-kwalita' taghha ta' direttur u/jew segretarja ta' kumpanija u/jew rapprezentanta guridika tas-socjeta' kummercjali 'JAJ Company Limited (C22257) b'indirizz registrat 60, Triq il-Hut, Marsaskala, Malta u/jew bhala l-persuna li kienet inkarigata mill-istess socjeta' kummercjali sabiex thallas il-pagi dovuti, naqset li thallas l-pagi dovuti ghall-perijodu bejn it-23 ta' Mejju, 2011 u t-30 ta' Gunju, 2011 ammontanti ghal €1,164.64 naqset li thallas l-bonus

statutorju dovut ghall-perijodu bejn l-01 ta’ Jannar, 2011 u it-30 ta’ Gunju, 2011, ammontanti ghal €135.10, naqset li thallas il-weekly allowance dovut ghall-perijodu bejn l-01 ta’ April, 2011 u it-30 ta’ Gunju, 2011, ammontanti ghal €60.58, naqset li thallas in-notice dovut ghall-perijodu bejn l-01 ta’ Lulju, 2011, u is-26 ta’ Awissu 2011, ammontanti ghal €1,646.23, naqset li thallas l-overtime dovut ghall-perjodu bejn it-28 ta’ Mejju, 2011 u l-11 ta’ Gunju, 2011, ammontanti ghal €135.54, naqset li thallas l-vacation leave dovut ghall-perijodu bejn l-01 ta’ Jannar, 2011 u it-30 ta’ Gunju, 2011 ammontanti ghal €361.44 li b’kollox jammontaw ghal tlett elef u hames mija u tlett euro u tletin centezmi (€3,503.30) u li kienu dovuti lill-ex-impjegat tas-socjeta’ kummercjali hawn fuq imsemmija u cioe’ lil Charles German, fit-30 ta’ Gunju, 2011, meta l-impjieg tieghu gie terminat.

Illi l-Qorti giet mitluba bir-rispett sabiex tordna lill-imputata ai termini tal-artikolu 45(1) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex thallas l-penali skont il-Ligi, u kif ukoll tordna lill-imputata, ai termini tal-artikolu 45(2) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta’ Malta u tar-Regolament 22 tal-Avviz Legali 247 ta' l-2003, kif emendat bl-Avviz Legali 427 ta' l-2007, sabiex thallas lill-Charles German, l-ammont ta’ tlett elef u hames mija, u tlett euro u tletin centezmi (€3,503.30) ghar-ragunijiet hawn fuq specifikati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-10 ta’ April, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 5, 22, 23, 36, 45, 46 u 47(2) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 8(1), 8(4), 8(5) u 22 tal-Avviz Legali 247 ta' l-2003 kif emendat bl-Avviz Legali 427 ta' l-2007, sabet lill-imputata hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, illiberatha bil-kundizzjoni li sa zmien sitt(6) xhur thallas lil Charles German is-somma ta' tlett elef u hames mija u tlett euro u tletin centezmi (€3,503.30).

Rat ir-rikors tal-appellanta Joan Mizzi pprezentat fid-29 ta’ April, 2013 fejn talbet li din il-Qorti joghgobha fil-waqt li thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, ssib lill-appellata mhux hatja tal-akkuzi dedotti kontra taghha u tilliberaha minn kull htija u piena skont il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellanta u cioe':-

1. Fl-ewwel lok, ix-xjenza jew il-*mens rea* necessarja ghas-sejba ta' htija kienet nieqsa ghal kollox.

Kellu jkun evidenti mill-fatti prodotti li l-appellanta ma kienitx taf li l-impjegati kellhom hlasijiet lura ghaliex kif jirrizulta, qabel il-mewt ta' zewgha ma kientix tinvolvi ruhha fin-negozju u ma kienet taf assolutament xejn dwar dawn l-affarijiet. Meta miet zewgha ma kellhiex alternattiva hlief li tipprova tiehu kontroll tal-kumpannija, haga li fi kwalunkwe kaz ma kienx possibbli minnhabba l-istat prekarju tan-negozju u l-ezistenza ta' hafna kredituri li gew ihabbtulha mal-bieb. Huwa car li n-nuqqas ta' hlas tal-impjegati kienet sitwazzjoni pre-ezistenti ghall-hatra tal-appellanta bhala direttrici. Huwa car ukoll li rinfaccjata minn dik is-sitwazzjoni l-appellanta ghamlet kull ma kien umanament possibbli jsir dak inhar. Fir-realta' il-hlas lill-impjegati kien impossibbli minhabba l-istat disastruz tal-finanzi tal-kumpannija li certament ma kienitx tahti ghalihom l-appellanta.

2. Fit-tieni lok li l-appellanta ezercitat "*id-diligenza kollha xierqa biex timpedixxi l-ghemil tar-reat*" u ghalhekk ukoll ma setghetx tinstab hatja.

Skont l-artikolu 46 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponenti titqies li tkun hatja *"jekk ma tippruvax li r-reat sar minghajr it-taghrif taghha u li kienet ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex timpedixxi l-ghemil tar-reat."*

Jirrizulta bl-aktar mod ampju li meta miet Alfred Mizzi, numru konsiderevoli ta' kredituri pprocedew bil-hrug ta' mandati u atti ohrajn li kellhom l-effett li jibblokkaw l-assi kollha tal-kumpannija. Billi inoltre il-kumpannija gia kienet midjuna lejn il-bank, u billi l-assi kollha taghha kienu maqbuda kien impossibbli ghall-appellanta bhala direttrici gdida tal-kumpannija li ssib flus biex thallas kollox lill-impjegati. Dan jinghad ghaliex jirrizulta li l-impjegati kienu dovuti somom akbar u l-appellanta, minkejja kollox, irnexxielha tirranga biex jithallsu parti u ghalhekk din il-kawza saret ghall-parti rimanenti.

3. Fit-tielet lok, l-ewwel Onorabbli Qorti fl-analisi taghha naqqset li taghti l-piz dovut lic-cirkostanzi fattwali tal-kaz fosthom il-fatt li l-appellanta ma kienitx konxja tal-istat tan-negozju, saret direttur biss wara l-mewt tar-ragel taghha meta kien "too late", kien hemm "run" tal-kredituri fuq il-kumpannija u li l-kumpannija ma kellhiex access ghall-fondi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.
Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan il-kaz hu wiehed sommarju u ghalhekk din il-Qorti kellha tisma mill-gdid il-provi prodotti.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-uniku direttur tas-socjeta' hawn fuq imsemmija, Alfred Mizzi, miet fis-26 ta' Mejju, 2011. Ftit wara l-appellant Joan Mizzi nhatret direttur ta' din is-socjeta' biex jipprova ssalva l-istess.

Illi Charles German spicca mix-xoghol fit-30 ta' Gunju, 2011 u skont ic-citazzjoni kien dovut is-somma ta' €3,503.30. Hu kien talab lill-Guarantee Fund Board biex jinghata l-bilanc dovut billi s-socjeta' msemmija kienet qeda tigi likwidata. Mill-provi mressqa jirrizulta li skont dan il-Board wara li ghamel il-kalkoli tieghu hu kien dovut is-somma ta' €3,307.62. Jirrizulta wkoll li hu rcieva s-somma ta' €1,994.85 skont il-ligi u ghalhekk l-ammont dovut lilu llum hu ta' €1,312.77.

Illi l-appellanta ezebiet u ghamlet referenza ghal zewg appelli decizi minn din il-Qorti, diversament presjeduta, li jgibu d-data tal-20 ta' Gunju, 2014. Dawn l-appelli huma t-tnejn fl-ismijiet: Il-Pulizija v. Joan Mizzi (appell numru 45/2013 u appell numru 46/2013). Dawn iz-zewg appelli jirrigwarda salarji u beneficcji dovuti lill-zewg impjegati mis-socjeta' hawn fuq imsemmija. F'dawn iz-zewg appelli li huma identici ghal dan l-appellant ma nstabitx hatja ghar-

ragunijiet hemm misjuba.  Din il-Qorti taqbel perfettament mas-sentenzi hawn fuq imsemmija u ma ghandha xejn x'izzid.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed tilqa l-appell ta' Joan Mizzi.  Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tehles lill-appellanta minn kull htija u piena.